MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 477/2013

Appell Nru: 477/2013

Il-Pulizija

Maggur Josephine Gauci

vs

Noel Cutajar

Illum, 15 ta' Jannar, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra l-imsemmi Noel Cutajar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 41277M talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, minn Mejju, 2013 sa Gunju, 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil Mary Grace Zahra u/jew lil ibnu is-somma ffissata minn dik ikl-

Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-28 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; sabet lill-imputat Noel Cutajar hati skond l-akkuzi dedotti kontrih u ikkundannatu xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Noel Cutajar, presentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-5 ta' Novembru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tillibera lill-imputat minn kull piena u imputazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant Noel Cutajar.

Rat l-aggravji tal-appellant illi huma s-segwenti:

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti huwa bniedem li ma jistax jahdem. Dwan dan xehed fid-dettal quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, u anke wera konferma li gie dikjarat 'inkapaci ghal xoghol xieraq'. Sakemm kien ghadu jahdem, l-esponent kien jghaddi l-manteniment lill-kwereklanti regolarment. Ghalhekk l-esponent gie f'kundizzjoni li ma setax jissomministra aktar manteniment, kif spjega huwa stess.

Illi meta l-ewwel Onorabbli Qorti ghaddiet biex tinfliggi l-piena, l-esponent ihoss li ma qisitx b'mod ragonevoli c-cirkostanzi li jinsab fihom l-esponent. Fil-fatt sa Mejju tas-sena 2012, l-esponent kien jahdem bhala xufier mal-kumpanija Arriva. Dan ix-xoghol pero' ma baqax jaghmlu minhabba li l-impjieg tieghu intemm u dan minhabba ansjeta' li kien qed ikollu fuq ix-xoghol.

Illi sa dak il-punt in partikolari, l-esponent kien dejjem jaghti l-manteniment skond id-digriet tal-Qorti, u dan cioe' minn Settembru tas-sena 2009. Illi izda, rinfaccat b'din is-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' impjieg, l-esponent beda jsib diffikultajiet kbar

sabiex ihallas il-manteniment. Iktar minn hekk, l-esponent huwa marid b'kundizzjoni f'dahru (sciatica) illi ma tippermettilux jahdem, hlief ghal light duties – xoghol dan li l-esponent bir-rispett kollu ma jafx jaghmlu, ghaliex xoghlu kien dejjem f'xoghol tal-idejn, ivarja minn impjegat ma' kumpanija tal-ghamara, sa impjegat ma kumpanija tal-fire places, (fejn kien jipprepara, igorr u jqandel il-gebel), sa anke xufier ta' vetturi kbar. Din il-kundizzjoni gieghlet anke lill-esponent sabiex jigi 'boarded out', kif fuq inghad, kif anke ngibdet l-attenzjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti.

Illi aktar minn hekk, izda, ghandu jinghad illi l-piena moghtija lill-esponent hija manifestament zbaljata fil-ligi. Dan ghas-segwenti ragunijiet:

i. Ma ngabet l-ebda prova, illi l-esponent kien b'xi mod recidiv. F'dan is-sens ghalhekk ma setghetx tinghata piena ta' prigunerija kif fil-fatt inghatat, u dan ghaliex skond Artikolu 388(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-hati jista jehel piena ta' detenzjoni jew prigunerija fil-kaz li jkun recidiv. Izda l-esponent recidiv ma kienx u allura din il-parti tal-artikolu 338(z) ma tapplikax ghalih.
ii. Il-piena kienet manifestament zbaljata wkoll ghaliex skond l-artikolu 7(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ladarba issa gie stabbilit illi l-imputat ma kienx recidiv, ma setghetx tinghata piena ta' prigunerija.

Illi fil-mertu, ghandu jinghad ukoll illi l-akkuza nfisha hija ambigwa ghall-ahhar. L-esponent gie akkuzat illi ma hallasx manteniment minn "Mejju sa Gunju, 2013". Din il-frasi hija wahda ambigwa li jekk wiehed janalizza tista' tifsser li x-xahar ta' Gunju mhux qed jigi nkluz fl-akkuza. Minkejja dan, il-parte civile dehdet li ghal dan ix-xahar ma thallsitx. Dan qed jinghad peress illi l-kliem minn 'Mejju sa Gunju, 2013' jista' jinkludi l-perjodu mill-1 ta' Mejju, sal-1 ta' Gunju, 2013, u allura l-bqija tal-jiem ta' Gunju ma jkunux inkluzi. L-iktar frazi cara u semplici kellha tkun li kieku l-esponent gie akkuzat li ma hallasx il-manteniment ghal Mejju u Gunju, 2013, Ladarba l-akkuza mhijiex b'dan il-mod, dan johloq kunflitt u dubju.

Illi aktar minn hekk, ma setghetx tinstab htija anke minhabba l-fatt illi skond id-digriet il-manteniment huwa pagabbli lil certa 'Graziella Zahra', li mhux necessarjament hija l-istess 'Mary Grace Zahra' bhala parte civile fil-kawza odjerna, anzi ma jistax jigi prezunt li huwa hekk. Anke minhabba dan il-kunflitt fl-ismijiet, l-esponent isostni li l-akkuza ma tregix.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi permezz ta' digriet numru 429/08(NC) moghti mill-Qorti tal-Familja fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tal-elfejn u disgha (2009) l-appellant gie ikkundannat ihallas lill-parti leza Mary Grace Zahra mija u hamsa u sittin ewro (€165) fix-xahar ghat-tifel minuri taghhom. Jidher illi l-appellant ma hallasx ghax-xhur ta' bejn Mejju u Gunju tal-elfejn u tlettax (2013) u ghalhekk Mary Grace Zahra ghamlet rapport lill-pulizija dwar dan in-nuqqas li min-naha taghhom ipprocedew kontra l-appellant. U b'sentenza moghtija fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru tal-elfejn u tlettax (2013) l-appellant instab hati u gie ikkundannat xahar prigunerija.

L-appellant però hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell u l-aggravju principali tieghu kien illi waqaf mix-xoghol f'Mejju tal-elfejn u tnax (2012), gie iddikjarat illi ma jistax jahdem u ghalhekk kien f'pozizzjoni finanzjarja difficli hafna u ma setax jivversa l-manteniment kif obbligat. It-tieni aggravju jikkoncerna l-piena illi skont l-appellant hija wisq eccessiva u gravuza fil-konfont tieghu.

Ikkunsidrat:

Ghal dak illi jirrigwarda l-ewwel aggravju, din il-Qorti kellha diversi okkazjonijiet sabiex tippronuncja ruhha fuq dan il-punt u cioé jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat jekk tisfa bla xoghol dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digrieti tal-Qorti Civili. Hekk qalet il-kawza Il-Pulizija kontra Anthony Saliba deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Lulju 1998. Il-Qorti kompliet, "obbligu sancit mir-reat ta' natura kontravenzjali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivment u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet." Ma giex pruvat illi d-digriet tal-Qorti tal-Familja moghti fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tal-elfejn u disgha (2009) gie b'xi mod revokat jew mibdul. Ghalhekk l-appellant kien fl-obbligu illi jibqa' jhallas il-manteniment kif ordnat.

Kwindi, l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din id-diskrezzjoni taghha tigi disturbata.

L-istess jinghad ghal dak li jirrigwarda l-piena fejn il-principju regolatur hu li mhux normali illi din il-Qorti tal-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi. Irrizulta illi l-piena inflitta mill-ewwel Qorti qieghda fil-parametri tal-ligi, però din il-Qorti jidhrilha illi hemm lok ghal varjazzjoni ta' din il-piena stante l-verbal maghmul mill-partijiet fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Dicembru tal-elfejn u erbatax (2014) fejn il-parti leza iddikjarat fil-prezenza tal-avukat taghha li ghal dak li jirrigwarda din il-kawza tinsab pjenament sodisfatta u m'ghandhiex aktar pretensjonijiet kontra l-appellant. Ghalhekk din il-Qorti issegwi t-taghlim moghti fil-kawza Il-Pulizija kontra Publius Said (2kawza tinsab pjenament sodisfatta u m'ghandhiex aktar pretensjonijiet kontra l-appellant. Ghalhekk din il-Qorti issegwi t-taghlim moghti fil-kawza Il-Pulizija kontra Publius Said (25 ta' Settembru 2003) fejn qalet "L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti, jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena ...". Jidher illi fil-mori ta' dan l-appell l-appellant onora l-obbligu tieghu illi jhallas l-ammont dovut lill-parti civili Mary Grace Zahra, kwindi hemm lok ghal temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' parzjalment l-appell tal-appellant, tikkonferma s-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' htija, izda tirriformaha ghal dak illi jirrigwarda l-piena u flok prigunerija tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------